TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/67/13/S

Maryann Scott
Vs
Golden Travel Club Limited

Illum 12 ta'Settembru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Maryann Scottipprezentata fil-15 ta'Marzu,2013 u r-risposta ta' Golden Travel Club Limited li ma saritx fuq il-formula appozita pero qed tittiehed bhala valida;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fis-6 ta'Lulju,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq rifuzjoni tal-ikel u nuqqas ta' qbil fuq jekk ir-rikorrenti hallsitx ghal 'gala dinner' jew le;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

Illi dan kollu citat japplika ghall-kaz odjern;

Illi f'wiehed mid-dokumenti pprezentati taht il-'letterhead' tal-'Fantasy Tours', hemm imnizzel 'gala dinner' bhala suppliment u ghalhekk inkluz fil-prezz imhallas mir-rikorrenti;

Illi d-dokumenti mmarkati bhala Dok C sa Dok G juru l-ftehim milhuq bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Maryann Scott filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Golden Travel Club Limited u Jordna lis-socjeta Golden Travel Club Limited thallas lil Maryann Scott is-somma ta' €530, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta Golden Travel Club Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"